

32006R2006

28.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 379/95

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2006/2006

tat-22 ta' Diċembru 2006

**li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 sabiex jinkludu l-kwota tariffarja annwa għall-prodotti taz-zokkor li joriġinaw fil-Kroazja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settura taz-zokkor <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 40(1)(e)(iii),

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 27(5) u l-Anness IV(h) tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra <sup>(2)</sup>, kif emendat mill-Protokoll approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2006/882/KE, tat-13 ta' Novembru 2006 <sup>(3)</sup>, il-Komunità għandha tippermetti l-aċċess mingħajr dazju fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fil-Kroazja li jaqgħu fil-kodiċijiet NM 1701 u 1702, fil-limitu tal-kwantità annwa ta' 180 000 tunnellata (piż nett).
- (2) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kroazja jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.
- (3) Il-kwota tariffarja għall-prodotti taz-zokkor li joriġinaw fil-Kroazja għandha għalhekk tinfetaħ minn dik id-data. Dik il-kwota għandha tinfetaħ u tkun amministrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u rraffin tar' prodotti taz-zokkor taħt ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjal-<sup>(4)</sup>, bħaż “Zokkor tal-Balkani” fit-tifsira ta’ dak ir-Regolament. Billi l-Artikolu 28 ta’ dak ir-Regolament jiftaħ il-kwoti tariffarji għaż-żokkor tal-Balkani fuq bażi ta’ sena tas-suq, il-kwota tariffarja annwa għall-prodotti taz-zokkor li joriġinaw fil-Kroazja għandha tiġi aġġustata għall-kumplament tad-disa’ xħur tas-sena tas-suq 2006/2007.
- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandu jiġi emendat f'dan is-sens.

<sup>(1)</sup> ĠUL 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1585/2006 (ĠUL 294, 25.10.2006, p. 19).

<sup>(2)</sup> ĠUL 26, 28.1.2005, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠUL 341, 7.12.2006, p. 31.

<sup>(4)</sup> ĠUL 178, 1.7.2006, p. 1.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinnjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1(1), il-punt li jmiss għandu jiġi miżjud:

“(h) L-Artikolu 27(5) tal-Ftehim ta’ Stabilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja.”

(2) L-Artikolu 1(2) hu sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-kwantitatiet importati skont id-dispożizzjoniet imsemmija fil-paragrafu 1(c) sa (h) (minn issa ‘l quddiem imsejħin ‘kwoti tariffarji’), u d-dispożizzjoniet msemmija fil-punti (a) u (b) ta’ dak il-paragrafu (minn issa ‘l quddiem imsejħin ‘obbligi tal-kunsinna’) għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 sejkollhom in-numri tas-serje tal-kwoti murija fl-Anness I.”

(3) Il-punt (d) tal-Artikolu 2, huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) ‘Iz-zokkor tal-Balkani’ jfisser prodotti taz-zokkor li jaqgħu fil-kodiċijiet NM 1701 u 1702 li joriġinaw fl-Albanija, il-Bożnja u l-Erzelgovina, is-Serja, il-Montenegro, il-Kosovo, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew il-Kroazja u li jiġi importati fil-Komunità taħt ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000, il-Ftehim ta’ Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma’ l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Ftehim ta’ Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mar-Repubblika tal-Kroazja;”

(4) L-Artikolu 28 hu sostitwit b'dan li ġej:

### Artikolu 28

1. Għal kull sena tas-suq, kwoti tariffarji ħielsa mid-dazju għal total ta’ 380 000 tunnellata ta’ prodotti taz-zokkor li jaqgħu fil-kodiċijiet NM 1701 u 1702 għandhom jinfetħu bħala zokkor tal-Balkani.

Madanakollu, għas-sena tas-suq 2006/2007 il-kwantità għandha tkun 381 500 tunnellata ta’ prodotti taz-zokkor li jaqgħu fil-kodiċijiet NM 1701 u 1702.

2. Il-kwantitajiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu allokat iż-żkien il-pajjiż tal-oriġini kif ġej:

— L-Albanija	1 000 tunnellata,
— Il-Bożnja-Erzegovina	12 000 tunnellata,
— Is-Serbja u l-Montenegro	180 000 tunnellata,
— L-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	7 000 tunnellata,
— Il-Kroazja	180 000 tunnellata,

Madanakollu, għas-sena tas-suq 2006/2007 l-allokazzjoni skont il-pajjiż tal-oriġini għandha tkun:

— L-Albanija	1 250 tunnellata,
— Il-Bożnja-Erzegovina	15 000 tunnellata,
— Is-Serbja u l-Montenegro	225 000 tunnellata,
— L-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	5 250 tunnellata,
— Il-Kroazja	135 000 tunnellata,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbi direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Il-kwoti għall-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Kroazja għas-sena tas-suq 2006/2007 għandhom jinfetħu mill-1 ta' Jannar 2007 biss."

(5) L-Artikolu 29(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-applikazzjoniet għal-liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor tal-Balkani mit-territorji doganali tal-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo, jew il-Kroazja għandhom ikunu akkumpanjati mill-oriġinali tal-liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tat-territorji doganali tal-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo jew il-Kroazja inkonformità mal-mudell fl-Anness II għal kwantità ekwivalenti għal dik fl-applikazzjoni għal-liċenzja."

(6) L-Anness I qed jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kummissjoni  
Mariann FISCHER BOEL  
Membru tal-Kummissjoni*

## ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 950/2006, it-tabella li tikkonċerna n-numi tas-serje għaż-żokkor tal-Balkani hija sostiwita b'dan li ġej:

**“Numri tas-serje għaż-żokkor tal-Balkani**

Pajji — terz	Numru tas-serje
L-Albanija	09.4324
Il-Bożnja u l-Erzegovina	09.4325
Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo	09.4326
L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	09.4327
Il-Kroazja	09.4328”